# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru tlieta u għoxrin (23) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM), li nżammet nhar it-Tlieta, 13 ta' Mejju, 2014 fis-6.35pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| ASSENTI: | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Maria Zammit | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. |

1. Il-laqgħa kienet **ippreseduta mis-Sindku,** Nicholas Briffa li qal it-talba, u bdiet tard aktar milli skedat għaliex fis-6.00pm saru il-preżentazzjonijiet taċ-ċertifikati ta' attendenza lil-dawk li attendew il-korsijiet tal-Ewwel Għajnuna u tad-Dekorazzjoni tal-Kejkijiet.

2. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti kienu meħuda bħala moqrija wara li dawn kienu mgħoddijin lill-kunsillieri mis-SE u wara li sarulhom il-korrezzjonijiet, dawn kienu issekondati minn Charlene Zammit u approvati unanimament.

**PUNTI MILL-MINUTI**

3. Is-Sindku semma' l-laqgħa li kellu hu u s-SE mas-Sur Anthony Brincat *Operations Manager tal-Works and Services* li qed jaħdem fuq il-***Flood Relief Project,*** dwar il-kompilazzjoni mill-Gvern Ċentrali dwar il-ġibjuni eżistenti kif ukoll dwar il-problemi bl-għargħar fix-xitwa. Is-Sindku qal li fid-diskussjoni ma setgħax jonqos li jissemma' il-ġibjun addizzjonali li jrid jinbena fi Triq Xandru Farrugia kif ukoll dak l-iżvilupp li qed nipproponu fuq il-ġibjun il-miftuħ fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

4. Is-Sindku informa lill-kunsillieri illi kien iffirmat mal-MEPA, il-kuntratt tal-**Fond għat-Titjib Urban** biex minnu nibbenefikaw sabiex insostnu parti żgħira mill-proġett tal-bandli f'Misraħ il-Fidwa.

5. Dwar il-paġna tal-***Facebook***, Charlene Zammit qalet illi ż-żgħażagħ tal-Kunsill taż-Żgħażagħ diġa' fetħuha u għandhom 160 *'likes'*. Din iġġib l-isem *Mqabba Youth Local Council.* Dan minkejja li kien hemm diġa' paġna oħra tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ tal-Imqabba mill-Kunsill taż-żgħażagħ tal-leġislatura preċedenti, li għadha titla'. Peress li ma nafux min kien hemm qabel jimmaniġġjaha, Paul Spiteri bagħat messaġġ dak il-ħin minn fuq l-*I pad* sabiex din tingħalaq. Intant il-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ issa hu ffurmat minn Jonas Simbeye bħala Sindku, u Maria Ellul bħala Viċi Sindku, fost l-oħrajn.

6. Is-Sindku semma' l-laqgħa li kellu hu u s-SE ma' Ms Joanne Debono Grech dwar in-**nuqqasijiet** li għandna fir-raħal li jirrigwardjaw ***Transport Malta.*** Hu qal illi din qaltilna sabiex nibgħatu ufficjalment it-talbiet kollha b'mod formali, kif fil-fatt sar fil-jiem li għaddew.

7. Bi preparazzjoni għall-**Jum l-Imqabba 2014**, issemmiet Ms Joanne Gauci li rebħet Miss Malta, li minkejja li toqgħod iż-Żejtun, għandha l-għeruq Imqabbin. F'dan il-punt Nicholas Briffa qal li din is-sena irridu wkoll nirrikonoxxu lill-*Imqabba Football Club* talli rebħu titlu ieħor. F'dan il-punt Charlene Zammit żiedet ukoll illi rridu wkoll nirrikonoxxu lill-Mariano Farrugia li rebaħ il-**contest** tal-*Malta Body Building and Fisique Sport Federation Championships 2014*, meta ġie fl-ewwel post fl-*Athletic Fisique Category* u l-ewwel post *Overall Novices.*

8. Is-Sindku staqsa lis-SE jekk waslitx l-**istima** mill-*Environmental Landscapes Consortium* biex tintbgħat lill-Korporazzjoni Enemalta talli sofrejna danni fir-roundabout fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-SE qal li din s'issa għadha ma waslitx.

9. Is-Sindku ta żmien sal-20 ta' Mejju 2014 biex jidħlu l-**messaġġi tal-kunsillieri** għal ħarġa li jmiss tal-fuljett, numru 5, biex nippruvaw noħorġuh fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju.

10. Dwar l-estenzjoni tal-linji tal-elettriku biex jitqabbdu **lampi tat-toroq** ġodda f'Tal-Isqof (fl-inħawi ta' Triq it-Torri Vinċenti), is-Sindku qal li sid il-barriera waqqa' l-ħajt u kellna noqgħodu nistennewh itellgħu u għaldaqstant ħadilna żmien aktar milli kien previst. Is-SE qal li irċieva ilmenti minn xi bdiewa illi kien hemm diffikulta' bin-nuqqas ta' tindif ta' mazkan li nqala' fit-tqattiegħ tat-trinka. Is-Sindku qal li dan se nillixxjawh bir-romblu permezz tal-kuntrattur tagħna.

11. Is-Sindku semma' l-parteċipazzjon tal-KLM fil-***Green Walk*** li kienet organizzata mill-Iskola Primarja tal-Imqabba. Hu qal li biex nassiguraw lit-tfal, utilizzajna n-nies tagħna bħala *marshalls.*

12. Is-Sindku stieden lill-kunsillieri jattendu l-**laqgħa annwali tar-Reġjun tan-Nofs-in-Nhar** li se tinżamm nhar is-Sibt, 17 ta' Mejju ġewwa l-Iskola Primarja ta' Ħal Safi. Għal din il-laqgħa huma mistennija li jattendu is-Sindku, is-SE u l-kunsillier Paul Spiteri.

13. Bi preparazzjoni għall-**korsijiet tat-TCTC** li se jiġu jiswew lill-KLM €250 se jsiru flyers għall-promozzjoni filwaqt li kien osservat illi fil-verita' dan se jkun jiswa' €10 għall-ispejjeż tan-noti u mhux b'xejn, kif reklamat fil-poster. Is-Sindku qal li dan se jsir fil-librerija tal-iskola Primarja u se jitwaħħal bill-board fid-daħla tar-raħal biex jirreklama din l-attivita'.

14. Dwar dan il-***bill-board***, is-SE qal li ħafna qed jistaqsu sabiex jagħmlu dak tagħhom bi promozzjoni. Hu qal li fil-verita' teżisti ***bye-law*** li minnha jista' jibbenefika l-Kunsill dwar reklami skont il-qies u l-perjodu esebiti. Hawn kien deċiż li lill-każini barra l-lokal, ma nagħtuhomx ċans jagħmlu tagħhom ħlief lill-dawk tal-villaġġ tagħna ġimgħa qabel il-festa filwaqt li ma kienx hemm oġġezzjoni biex jitwaħħal dak tal-maratona ta' Ġunju ta' *Puttinu Cares,* liema ħlasijiet tal-permess se jkun *waved* għax dawn se jagħmluhom għal għan nobbli.

**AGENDA**

15. L-Agenda bdiet tiġi eżawrita fis-7:25pm. Paul Spiteri faħħar l-inizjattiva ta' Charlene Zammit dwar l-organizzazzjoni tal-***Imqabba Youth Challenge 2014,*** filwaqt li hija rringrazzjat lit-tmienja u erbgħin parteċipant, lill-Gilbert Camilleri, Antoine Sciberras, Nicholas Baldacchino, lill-Paul Spiteri u lit-tmintax-il *sponsor*. Hija qalet li fil-fatt il-KLM għamel disa' *trophys* u elimina l-midalji.

16. Kienet diskussa l-**ħarġa** li se ssir għada ġewwa **Għawdex** u dik li se ssir ġimgħa wara lejn l-istess destinazzjoni kif ukoll il-vjaġġ għal **Sqallija.** Dwar il-ħarġiet ta' Għawdex, Grace Marie Mallia qalet li hemm it-tombla filwaqt li Nicholas Briffa qal li se jkun qed jisponsorja ir-*raffles*.

17. Minħabba li din is-sena se jinħaraq xi nar tal-art fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju, fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, il-kunsillieri qablu unanimament illi jiċċaqilqu l-**kabbani tal-festa** u jmorru kollha aktar 'il barra. Is-Sindku qal li f'laqgħa li kellhom hu u s-SE mad-diriġenti tan-nar tal-każin tal-Ġilju, intqal illi dawn ma jistgħux jaħarqu aktar roti kbar fi Triq Karmenu Ciantar minħabba spejjeż li kellhom jitħallsu mill-każin għaliex xi residenzi ġarrbu ħsarat konsiderevoli minn xrar li tar fuqhom. Peress li l-posti li ingħataw lill-kunsillieri mal-*agenda* ma ġewx approvati kif preżentati mis-SE, dan se jerġa' jressaqhom fil-laqgħa li jmiss għall-approvazzjoni.

18. Intant, issemma' l- ***Pineapple Bar*** li kunsillier qal li dan xtaq li jarma ***bar*** **barra t-triq.** Is-SE qal li l-permessi tal-KLM, huma ristretti għal dawk tal-imwejjed u s-siġġijiet u posti tal-kabbani u mwejjed tal-qubbajd (fil-pjazza mingħajr ħlas għaliex tradizzjonali). Dawn jeskludu il-*bars.* Hawn is-SE semma' li fil-passat l-istess *Pineapple* Bar kien impedit mill-każin li jarma l-istess siġġijiet waqt il-marċi u l-purċissjoni minħabba li jinsab fl-aktar parti dejqa tal-pjazza u għalhekk post daqstant strateġiku.

19. Hawn is-Sindku għadda għal *item* oħra tal-agenda ***L*-embellishment ta' Misraħ il-Fidwa**, li wkoll kien relatat mal-festa tal-Madonna tal-Ġilju, peress li waqt ix-xogħlijiet, l-istess każin rama' l-antarjoli fuq il-bankina. Hu qal li dawn qed jimpedixxu x-xogħol u kellu jiltaqa' mas-soċjetajiet mużikali fuq il-post malajr malajr biex jara x'jista' jsir. Nicholas Briffa qal li fil-verita' issa ma jista' jsir xejn għaliex kien hemm qbil li dawn jibqgħu jintramaw fuq il-bankina. Charlene Zammit staqsiet kif dawn ma setgħux jiġu fit-triq, filwaqt li s-Sindku qal li d-deċiżjoni kienet maqbula bejn il-każini tal-banda. Intant it-toqob se jiġu magħluqa b'għatu tal-ħadid. Hu kompla jitkellem dwar id-daħla tal-ġnien li se ssir quddiem il-ħanut tal-merċa u oħra n-naħa l-oħra tal-pjazza. Is-Sindku qal li l-arbli tad-dawl manifatturati mill-ħaddiema tal-IPSL kellhom jindifnu 'l isfel u mhux se jintrabtu bil-*flange*, filwaqt li l-globi se jissuplixxihom il-kuntrattur tal-kunsill Nexos Street Lighting. Nicholas Briffa semma' d-*dust bins* li huma għoljin ħafna fil-prezz. Hu qal li se nippruvaw ukoll nagħmluhom aħna biex niffrankaw. Intant hu wera x-xewqa li l-isem tal-ġnien ikun ġnien Onġi Onġella kif ukoll biex tkun riżervata *talent area* fl-istess ġnien. Charlene Zammit għoġobha ħafna l-isem, iżda ma qablitx li l-isem ikun mogħti b'dan il-mod, iżda billi jkun hemm kompetizzjoni fost it-tfal biex ikun hemm proċess ta' kompetizzjoni. Hawn is-Sindku qal li m'hemmx ċans li jsir dan għax inkella nieħdu ħafna żmien. Intant Paul Spiteri qal li minkejja li x-xogħol hu mistenni li jitlesta sal-festa, f'każ li dan ma jseħħx, għandu jieqaf ix-xogħol fil-ġimgħa tal-festa. Is-Sindku qabel li għandu jieqaf ix-xogħol fil-ġimgħa tal-festa u jkompli wara. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu fuq l-isem tal-ġnien.

20. Kien diskuss l-isem propost fuq l-agenda għal Triq ġdida fi Triq il-Katakombi. Grace Marie Mallia qablet ma min ipproponih, li hija residenta prospettiva, li t-triq il-ġdida fi Triq il-Katakombi tingħata l-isem ta' **Triq il-Friefet.** Dan l-isem ġie approvat mill-KLM u għaldaqstant dawn l-ismijiet se jkunu proposti minn naħa tagħna lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq għall-approvazzjoni.

21. Kienet approvata ċ-**ċedola tal-pagamenti** numru 481.

22. Il-**laqgħa li jmiss** se ssir bħal-llum tliet ġimgħat oħra fl-istess ħin.

**F'Punti oħra**

23. Is-SE fakkar fil-**ġabra ta' ħwejjeġ użati għall-Inspire** li se ssir bil-kollaborazzjoni ta' Greenpak Co-op fil-KLM nhar is-Sibt, 31 ta' Mejju, 2014, fil-għodu.

24. Is-Sindku semma' l-preżenza tiegħu ma' tal-**Ambaxxatur**, Maria Zammit nhar nhar it-12 ta' Mejju fil-Parlament fejn attendew għall-qari tal-liġi tal-**Vot 16.**

25. Grace Marie Mallia staqsiet jekk kienx hemm approvazzjoni fil-passat għall-**parkeġġ ta' vettura ta' persuna/i b'diżabilita'** fi Triq Valletta viċin Julvic House.

26. Għall-ilmenti li kellna fl-inħawi ta' Triq tas-Sejba minħabba **trabijiet eċċessivi**, is-Sindku qal li saru kuntatti miegħu minn Joe Zahra, sid ta' barriera li qed joperaw mhux għall-qtugħ tal-ġebel tal-franka iżda biex ifarrku l-mazkan. Hu qal li din il-persuna ġiet imwaqqfa milli tkompli topera mill-MEPA wara li din kienet tat twissijiet fil-passat, prinċipalment biex tieqaf l-operazzjoni tal-*crusher* li hemm mingħajr permess, u li qiegħed jitħan iż-żrar. Hawn is-Sindku wera r-ritratti tal-MEPA li huma parti integrali mir-rapport bl-isem *Remedial Actions and*

*Mitigation Measures*. Intant, issa l-MEPA issiġillawlu l-*crusher*. Is-Sindku qal li hu (fl-assenza tas-SE li kien qed jattendi laqgħa organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u kien l-uniku rappreżentant tal-KLM, dwar *Inclusion and Equality in the Mediterranean Region*) stieden lill-uffiċjali tal-MEPA is-Sur Gafa u Ms Andrea Zahra u lis-sid is-Sur Joe Zahra bl-avukat tiegħu Dr Stefan Zrinzo u l-Perit Paulton, u lill-impjegat Peter Caruana, biex jitkellmu ħalli tinstab soluzzjoni. Dan għaliex is-Sur Zahra għandu n-nies jaħdmu miegħu u issa dawn huma weqfin mix-xogħol bl-impjieg tagħhom jitwaqqaf u għaldaqstant jitnaqqar l-għixien tagħhom, filwaqt li qal li l-KLM irid jipproteġi wkoll l-interessi tar-residenti.

27. Dwar **illuminazzjoni addizzjonali tat-toroq** ġdida, issemma' *Sqaq il-Landin* minn Paul Spiteri kif ukoll l-applikazzjoni tas-Sur Gilju Ghigo fejn iċ-ċimiterju tal-Imqabba.

28. Il-laqgħa ntemmet fid-9.00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*03/06/2014 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |